**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

P8_TA(2017)0385

# Sistemi penitenzjarji u kundizzjonijiet fil-ħabsijiet

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2017 dwar is-sistemi penitenzjarji u l-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet (2015/2062(INI))**

(2018/C 346/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 19, 47, 48 u 49 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) (Artikolu 3, Artikolu 8), il-protokolli tal-KEDB u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Konvenzjoni Ewropea tal-1987 dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament u Pieni Inumani jew Degradanti u r-rapporti tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (Artikoli 3 u 5), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (l-Artikolu 7) u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattamenti jew Pieni Oħra Krudili, Inumani jew Degradanti,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, adottata fi New York fl-20 ta' Novembru 1989,

— wara li kkunsidra l-Kummenti Ġenerali li ġejjin tal-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal: in-Nru 10 (2007) dwar id-drittijiet tat-tfal fil-ġustizzja tal-minorenni, in-Nru 13 (2011) dwar id-dritt tat-tfal għall-ħelsien minn kull forma ta' vjolenza u n-Nru 17 (2013) dwar id-dritt tat-tfal għall-mistrieħ, divertiment, logħob, attivitajiet rikreattivi, ħajja kulturali u l-arti (Artikolu 31),

— wara li kkunsidra r-regoli minimi tan-NU dwar it-trattament tal-ħabsin u d-dikjarazzjonijiet u l-prinċipji adottati mill-Assemblea Ġenerali tan-NU; wara li kkunsidra r-Regoli Standard Minimi tan-NU għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja tal-Minorenni (ir-Regoli ta' Beijing) adottati mill-Assemblea Ġenerali; wara li kkunsidra l-Linji Gwida tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġustizzja li tiffavorixxi t-tfal; wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, notevolment ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2006)2 dwar ir-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2006)13 dwar l-użu tal-arrest provviżorju, il-kundizzjonijiet li fihom iseħħ u l-għoti ta' salvagwardji kontra l-abbuż, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2008)11 dwar ir-regoli Ewropej għal delinkwenti minorenni suġġetti għal sanzjonijiet jew miżuri, ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2010)1 dwar ir-Regoli tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-probazzjoni, u r-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2017)3 dwar ir-Regoli Ewropej dwar is-sanzjonijiet u l-miżuri; wara li kkunsidra wkoll ir-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tat-18 ta' Jannar 1996 dwar il-kundizzjonijiet foqra fil-ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea ([1]), u tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar il-kundizzjonijiet fil-ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea: titjib u pieni alternattivi ([2]), tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-programm multi-annwali 2010-2014 dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (il-Programm ta' Stokkolma) ([3]) u tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Unjoni ([4]),

([1]) ĠU C 32, 5.2.1996, p. 102.
([2]) ĠU C 98, 9.4.1999, p. 299.
([3]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([4]) ĠU C 168 E, 14.6.2013, p. 82.

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea ([2]) ("trasferimenti ta' priġunieri"),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/947/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi u deċiżjonijiet li jinvolvu probation bil-ħsieb ta' sorveljanza ta' miżuri ta' probation u ta' sanzjonijiet alternattivi ([3]) ("probation u sanzjonijiet alternattivi"),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/829/ĠAI tat-23 ta' Ottubru 2009 dwar l-applikazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku għal deċiżjonijiet dwar miżuri ta' superviżjoni bħala alternattiva għal detenzjoni proviżorja ([4]) ("ordni ta' sorveljanza Ewropea"),

— wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/800 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-garanziji proċedurali għal tfal li huma suspettati jew li huma persuni akkużati fi proċedimenti kriminali ([5]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali intitolata "Id-detenzjoni kriminali u l-alternattivi: aspetti tad-drittijiet fundamentali fit-trasferimenti transfruntiera tal-UE",

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ġunju 2011 bit-titolu "Tisħiħ tal-fiduċja reċiproka fiż-żona ġudizzjarja Ewropea – Green Paper dwar l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-ġustizzja kriminali fil-qasam tad-detenzjoni" (COM(2011)0327),

— wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawżi magħquda C-404/15 u C-659/15 PPU, Pál Aranyosi u Robert Căldăraru,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2015 dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u tar-reklutaġġ ta' ċittadini Ewropej minn organizzazzjonijiet terroristiċi ([6]), u l-Manwal UNODC dwar il-ġestjoni ta' priġunieri estremisti vjolenti u l-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għall-vjolenza fil-ħabsijiet ([7]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni bil-miktub 0006/2011 tal-14 ta' Frar 2011 dwar il-ksur tad-drittijiet fundamentali tad-detenuti fl-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konvenzjonijiet, ir-rakkomandazzjonijiet u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-kwistjonijiet penitenzjarji,

— wara li kkunsidra l-white paper tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-affollament eċċessiv tal-ħabsijiet tat-28 ta' Settembru 2016,

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2012)12 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-ħabsin barranin, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fl-10 ta' Ottubru 2012,

---

([1]) ĠU L 190, 18.7.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 327, 5.12.2008, p. 27.
([3]) ĠU L 337, 16.12.2008, p. 102.
([4]) ĠU L 294, 11.11.2009, p. 20.
([5]) ĠU L 132, 21.5.2016, p. 1.
([6]) Testi adottati, P8_TA(2015)0410.
([7]) www.unodc.org/documents/brussels/News/2016.10_Handbook_on_VEPs.pdf

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec (2012)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati Membri dwar il-Kodiċi Ewropew tal-Etika għall-Persunal tal-Ħabs, adottata mill-Kumitat tal-Ministri fit-12 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra l-manwal tal-Kunsill tal-Ewropa għas-servizzi fil-ħabs u tal-probazzjoni rigward ir-radikalizzazzjoni u l-estremiżmu vjolenti,

— wara li kkunsidra l-istudji tal-Osservatorju Penali Ewropew (EPO), "Il-bidla ta' prattiki nazzjonali għal linji gwida Ewropej: inizjattivi interessanti fil-ġestjoni tal-ħabsijiet" (2013) u "korpi ta' monitoraġġ nazzjonali tal-kundizzjonijiet fil-ħabs u l-istandards Ewropej" (2015),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A8-0251/2017),

A. billi, fl-2014, aktar minn nofs miljun persuna nżammu fil-ħabsijiet fl-Unjoni Ewropea, inklużi l-persuni li nstabu ħatja li kienu qed jiskontaw il-pieni definittivi tagħhom u l-persuni akkużati b'reat u li kienu jinsabu f'detenzjoni proviżorja;

B. billi l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-ġestjoni tal-ħabsijiet jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, iżda l-UE wkoll għandha rwol neċessarju x'taqdi fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-ħabsin u fil-ħolqien ta' Spazju Ewropew ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja; billi hija l-UE li għandha tħeġġeġ l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri li jaffaċċjaw problemi komuni li joħolqu tħassib konkret fil-qasam tas-sigurtà fit-territorju Ewropew;

C. billi s-sitwazzjoni fil-ħabsijiet u l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni kultant degradanti u inumani f'ċerti Stati Membri huma preokkupanti ħafna, kif juru rapporti bħal dawk tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura tal-Kunsill tal-Ewropa;

D. billi l-affollament eċċessiv tal-ħabsijiet huwa problema rikorrenti fl-Unjoni, kif jirrikonoxxi aktar minn terz tal-Istati Membri u juru r-rapporti bħall-aktar pubblikazzjoni reċenti tal-Istatistika Penali Annwali tal-Kunsill tal-Ewropa (SPACE) ippubblikata fl-14 ta' Marzu 2017; u billi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qieset l-affollament eċċessiv bħala ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB;

E. billi l-affollament eċċessiv tal-ħabsijiet ifixkel l-estradizzjoni jew it-trasferiment ta' persuni kkundannati minħabba tħassib rigward il-kundizzjonijiet ħżiena fil-ħabsijiet fl-istat riċeventi; billi s-sitwazzjoni f'ċerti Stati Membri qed tkompli tiggrava, tant li saret inkontrollabbli fi ftit mill-ħabsijiet tagħhom;

F. billi l-affollament eċċessiv tal-ħabsijiet huwa ta' detriment serju għall-kwalità tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni, jista' jikkontribwixxu għar-radikalizzazzjoni, għandu effetti negattivi fuq is-saħħa u l-benessri tal-ħabsin, huwa ostakolu għal riabilitazzjoni soċjali, u jikkontribwixxi għal ambjent tax-xogħol għall-persunal tal-ħabsijiet li jkun nieqes mis-sikurezza, ikkumplikat u mhux tajjeb għas-saħħa;

G. billi fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2005 fil-kawża *Hirst vs ir-Renju Unit*, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ikkonfermat li projbizzjoni ġenerali u awtomatika tad-dritt tal-vot tal-ħabsin ma kinitx konformi mad-demokrazija; billi fl-2011, 58,7 % tal-ħabsin intitolati li jivvutaw fil-Polonja pparteċipaw fl-elezzjonijiet parlamentari;

H. billi m'hemm l-ebda korrelazzjoni bejn il-gravità tal-pieni u t-tnaqqis fir-rata tal-kriminalità;

I. billi l-priġunerija hija sitwazzjoni partikolarment mhux adattata biex jitqiegħdu fiha ċerti persuni vulnerabbli, bħall-minorenni, l-anzjani, in-nisa tqal, u l-persuni li jsofru minn mard mentali jew fiżiku serju jew invalidità; billi tali persuni jeħtieġu approċċ xieraq imfassal b'mod speċifiku;

**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

J. billi l-Artikolu 37 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal jistipula li d-detenzjoni tat-tfal "għandha tintuża biss bħala l-aħħar miżura u għall-iqsar perijodu ta' żmien possibbli" u li "t-tfal għandhom jinżammu separati mill-adulti sakemm ma jkunx meqjus li jkun fl-aħjar interess tat-tifel/tifla li ma jsirx hekk";

K. billi, skont id-data tal-Eurostat, aktar minn 20 % tal-popolazzjoni totali tal-ħabs fl-2014 kienet tikkonsisti minn detenuti miżmuma taħt arrest;

L. billi d-detenzjoni ta' qabel proċess jenħtieġ li tintuża biss bħala miżura tal-aħħar istanza; billi t-tfal jenħtieġ li qatt ma jinżammu f'faċilità fejn ikunu vulnerabbli għal influwenzi negattivi; billi jenħtieġ li dejjem jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal fil-fażi ta' żvilupp;

M. billi l-priġunerija, inkluża d-detenzjoni qabel il-proċess, jenħtieġ li tintuża biss f'każijiet iġġustifikati legalment u l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet bħala alternattivi għall-priġunerija – bħal detenzjoni d-dar jew miżuri oħrajn – jenħtieġ li jingħataw prijorità fil-każ ta' ħabsin li ma jippreżentawx periklu serju għas-soċjetà, billi jinżammu f'ambjent miftuħ u familjari u jingħataw aċċess aħjar għas-servizzi soċjali, il-kura u r-reintegrazzjoni;

N. billi d-delinkwenti minorenni jenħtieġ li, fil-prinċipju, dejjem ikunu intitolati għal alternattivi għad-detenzjoni irrispettivament mir-reat li jkunu wettqu;

O. billi skont iċ-ċifri tal-Kunsill tal-Ewropa għall-2015, medja ta' 10,8 % tad-detenuti fil-ħabsijiet Ewropej huma barranin – ċifra li fl-2014 telgħet għal 13,7 % – u billi huma ta' spiss f'detenzjonijiet proviżorji minħabba riskju ogħla possibbli li jaħarbu;

P. billi l-persunal penitenzjarju jwettaq funzjoni essenzjali f'isem il-komunità u jenħtieġ li jkollu kundizzjonijiet ta' impjieg li jixirqu l-kwalifiki tal-persunal u li jqisu n-natura eżiġenti tax-xogħol tagħhom; billi meta titqies in-natura diffiċli u delikata tal-attività tagħhom, miżuri bħal taħriġ inizjali u kontinwu aħjar għall-persunal tal-ħabs, żieda fil-finanzjament iddedikat, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u żieda fil-livelli tal-persunal huma essenzjali biex jiġu żgurati kundizzjonijiet tajbin ta' detenzjoni fil-ħabsijiet; billi t-taħriġ kontinwu jista' jgħin biex jappoġġja persunal tal-ħabs fl-indirizzar ta' sfidi ġodda u emerġenti bħalma huma r-radikalizzazzjoni fil-ħabs;

Q. billi l-persunal tal-ħabs li jkun motivat, dedikat u rispettat huwa prekundizzjoni għal kundizzjonijiet ta' detenzjoni umani u għalhekk għas-suċċess tal-kunċetti tad-detenzjoni ddisinjati biex itejbu l-ġestjoni tal-ħabsijiet, ir-reintegrazzjoni b'suċċess fis-soċjetà, u t-tnaqqis tar-riskji tar-radikalizzazzjoni u tar-reċidiviżmu;

R. billi l-awtoleżjoniżmu u l-imġiba vjolenti tal-ħabsin ta' spiss huma provokati mill-affollament eċċessiv fil-ħabs u mill-kundizzjonijiet deplorevoli ta' detenzjoni; billi fattur addizzjonali huwa li l-persunal mhuwiex imħarreġ jew kwalifikat b'mod xieraq; billi f'ħafna ħabsijiet il-livell ta' tensjoni qed joħloq kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli għall-persunal, li f'għadd ta' każijiet wasslu għal azzjoni industrijali fl-Istati Membri;

S. billi l-amministrazzjoni penitenzjarja effiċjenti trid tirċievi fondi u persunal adegwati biex twettaq il-missjoni ta' sigurtà u ta' riabilitazzjoni tagħha;

T. billi l-projbizzjoni ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra hija norma universali, applikabbli għall-adulti kif ukoll għat-tfal, u kwalunkwe ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ħabsin li ma jirriżultax minn restrizzjonijiet li huma vitali għaċ-ċaħda tal-libertà jikkostitwixxi detriment għad-dinjità tal-bniedem;

U. billi r-rata ta' suwiċidju fil-ħabsijiet tal-Unjoni Ewropea hija partikolarment allarmanti;

**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

V. billi r-radikalizzazzjoni f'ħafna ħabsijiet fl-UE hija fenomenu ta' tħassib kbir li teħtieġ attenzjoni partikolari, u għandha bżonn tiġi indirizzata permezz ta' mezzi xierqa, fuq bażi ta' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi internazzjonali; billi l-fatturi li jikkawżaw iż-żieda f'dan il-fenomenu jistgħu jinkludu kundizzjonijiet inumani ta' detenzjoni fil-ħabsijiet u l-affollament eċċessiv fil-ħabs, li jistgħu jinkoraġġixxu l-influwenza ta' dawk li jirreklutaw għal estremiżmu vjolenti;

W. billi l-Unjoni għamlet il-finanzjament disponibbli taħt l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà sabiex tindirizza r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet; billi minħabba l-kuntest tas-sigurtà fl-Ewropa, hemm ħtieġa urġenti li kull Stat Membru jadotta miżuri ta' prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet; billi l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell Ewropew huwa kruċjali;

X. billi xi wħud mis-sistemi u l-faċilitajiet attwali tal-ħabs, u proporzjon sinifikanti mill-binjiet li bħalissa qed jintużaw bħala ħabsijiet f'numru ta' pajjiżi Ewropej imorru lura għas-seklu 19; billi xi wħud minn dawn il-binjiet m'għadhomx xierqa għall-użu fis-seklu 21 peress li joffru kundizzjonijiet deplorabbli li jiksru d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;

Y. billi r-riċerka kkonkludiet li l-iżvilupp ta' demokrazija rappreżentattiva u ta' djalogu kostruttiv fil-ħabsijiet kien ta' benefiċċju għall-ħabsin, għall-persunal u għas-soċjetà inġenerali u jgħin biex jitjiebu r-relazzjonijiet bejn il-persunal u l-ħabsin;

1. Huwa allarmat dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni eżistenti f'ċerti Stati Membri u dwar l-istat ta' bosta ħabsijiet Ewropej; iħeġġeġ lill-Istati Membri jirrispettaw ir-regoli tad-detenzjoni, li jirriżultaw minn strumenti tad-dritt internazzjonali u tal-istandards tal-Kunsill tal-Ewropa; jinnota li ċ-ċaħda tal-libertà ma twassalx għal ċaħda tad-dinjità; jistieden lill-Istati Membri jadottaw mekkaniżmu indipendenti ta' sorveljanza penitenzjarja kif previst fil-Protokoll Fakultattiv għall-Konvenzjoni Kontra t-Tortura (OPCAT);

2. Jistieden lill-Istati Membri jsaħħu s-sistemi ġuridiċi tagħhom u jinvestu fit-taħriġ għall-imħallfin;

3. Jerġa' jafferma li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni huma element deċiżiv għall-applikazzjoni tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-kawżi Aranyosi u Căldăraru; ifakkar l-importanza fundamentali tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tas-sentenzi stipulat fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea;

4. Jiddeplora l-fatt li l-affollament eċċessiv fil-ħabsijiet huwa komuni ħafna fl-Ewropa; huwa allarmat dwar il-livelli rekord ġodda ta' affollament eċċessiv f'ċerti Stati Membri; jenfasizza li skont l-aħħar edizzjoni tal-istatistika penali annwali tal-Kunsill tal-Ewropa tal-14 ta' Marzu 2017, in-numru ta' detenuti jkompli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli f'terz tal-istituzzjonijiet penitenzjarji Ewropej; jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet tal-white paper tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-affollament eċċessiv fil-ħabsijiet tat-28 ta' Settembru 2016 u r-Rakkomandazzjoni R(99)22 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tat-30 ta' Settembru 1999 dwar l-affollament eċċessiv fil-ħabsijiet u l-inflazzjoni fil-popolazzjoni tal-ħabsijiet;

5. Jinnota li l-Istati Membri jikkalkolaw il-kapaċità tal-ħabsijiet u, b'konsegwenza, ir-rata ta' affollament eċċessiv fil-ħabsijiet, skont parametri spazjali differenti ħafna minn Stat Membru għall-ieħor, li jagħmilha diffiċli, jekk mhux impossibbli, li jsir paragun fil-livell tal-Unjoni;

6. Jiddeplora wkoll il-fatt li, f'ħafna każijiet, l-affollament eċċessiv fil-ħabsijiet għandu impatt serju fuq is-sikurezza tal-persunal tal-ħabs u l-ħabsin, li jaffettwa l-kundizzjonijiet ta' għajxien u s-saħħa, l-attivitajiet disponibbli, il-kura medika u psikoloġika u r-riabilitazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħabsin; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu sistemi u databases għall-monitoraġġ f'ħin reali tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni tal-ħabsin, u tiġi żgurata distribuzzjoni effiċjenti tal-popolazzjoni tal-ħabs tagħhom;

7. Iqis li ż-żieda fil-kapaċità tal-ħabsijiet mhijiex l-unika soluzzjoni għall-affollament eċċessiv; madanakollu jistieden lill-Istati Membri biex jallokaw riżorsi adegwati għar-rinnovament u l-modernizzazzjoni tal-ħabsijiet sabiex jagħtu prijorità lil unitajiet żgħar b'akkomodazzjoni għal numru ristrett ta' ħabsin, jipprovdu kundizzjonijiet ta' detenzjoni dinjitużi, joħolqu

spazji kollettivi li jilħqu l-objettivi tal-provvediment ta’ attivitajiet u tas-soċjalizzazzjoni, iħeġġu r-riabilitazzjoni u r-reintegrazzjoni fis-soċjetà, jiżviluppaw aktar faċilitajiet edukattivi, u jiżguraw ambjent aktar sigur kemm għall-ħabsin kif ukoll għall-persunal;

8. Iqis li r-regoli ta’ detenzjoni li jvarjaw skont il-ħabsin u l-livell ta’ riskju li jippreżentaw jikkostitwixxu metodu tajjeb għall-prevenzjoni tar-reċidiviżmu u t-tħeġġiġ tar-reintegrazzjoni fis-soċjetà; jinnota għal darb’oħra li l-miżuri ta’ reintegrazzjoni għandhom jiġu internalizzati u jibdew japplikaw matul id-detenzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex iqisu t-tip ta’ delitt imwettaq meta jiddeċiedu kif iqassmu l-popolazzjoni kkalzrata fil-ħabsijiet, billi jevitaw il-kuntatt ta’ persuni detenuti għal żmien qasir u dawk ikkundannati għal reati minuri ma’ ħabsin ikkundannati għal żmien twil;

9. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu lid-detenuti bi programm ibbilanċjat ta’ attivitajiet u biex ikunu jistgħu jqattgħu kemm jista’ jkun sigħat fil-ġurnata barra miċ-ċelel tagħhom daqs kemm hu neċessarju għal livell adegwat ta’ interazzjoni umana u soċjali u biex jitnaqqsu l-frustrazzjoni u l-vjolenza; jenfasizza li l-akkomodazzjoni pprovduta għall-ħabsin, u b’mod partikolari l-kundizzjonijiet tal-irqad, għandhom jirrispettaw id-dinjità tal-bniedem u l-privatezza, u jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa u tal-iġjene, billi tingħata l-attenzjoni dovuta għall-kundizzjonijiet klimatiċi u b’mod speċjali għall-ispazju ta’ art, il-kontenut kubiku tal-arja, id-dawl, l-evitar ta’ livelli għoljin ta’ storbju, it-tisħin u l-ventilazzjoni; Jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw definizzjoni komuni ta’ “spazju minimu” li għandu jingħata lil kull detenut; ifakkar li l-Kummissjoni, dan l-aħħar, semmiet il-possibbiltà ta’ finanzjament għall-Istati Membri mill-Fondi Strutturali tal-UE;

10. Jistieden lill-Istati Membri biex jaħsbu għar-reklutaġġ ta’ voluntiera, fl-ambitu tal-eżekuzzjoni tas-sanzjonijiet, biex jappoġġjaw il-persunal professjonali, bil-għan li tinħoloq rabta li tħeġġeġ ir-reintegrazzjoni tal-individwi fis-soċjetà; iqis li l-kompiti tal-voluntiera għandhom ikunu distinti b’mod ċar minn dawk imwettqa mill-persunal professjonali u għandhom jaqgħu fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom;

11. Jissuġġerixxi li l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu l-ispettorati għall-bini ta’ detenzjoni (bħalma jsir f’ċerti Stati Membri), biex jinsiltu l-lezzjonijiet mill-ħidma ta’ korpi indipendenti għall-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet;

12. Huwa mħasseb dwar iż-żieda fil-privatizzazzjoni ta’ sistemi tal-ħabsijiet fl-UE, u jfakkar li l-privatizzazzjoni ta’ sistemi kriminali spiss tħalli bosta mistoqsijiet mhux imwieġba rigward l-impatt tagħha fuq il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni u fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali; jiddeplora l-fatt li saru verament ftit studji komparattivi biex jiġu evalwati l-ispejjeż u l-kwalità tal-ġestjoni fir-rigward tal-ħabsijiet pubbliċi u privati; jenfasizza li l-ħidmiet ewlenin tal-gwida, tas-sorveljanza u tal-amministrazzjoni tal-qrati jridu jibqgħu f’idejn l-Istat;

13. Ifakkar li d-detenzjoni proviżorja trid tibqa’ miżura bħala l-aħħar alternattiva, li tintuża biss f’każijiet fejn tkun strettament neċessarja u għall-aktar perjodu ta’ żmien qasir kemm jista’ jkun skont il-kodiċi nazzjonali tal-proċedura kriminali li tkun tapplika; jiddeplora li, f’ħafna Stati Membri, fil-prattika, id-detenzjoni proviżorja tintuża b’mod sistematiku, li flimkien ma’ kundizzjonijiet ħżiena ta’ detenzjoni, imma mhux biss, tista’ tikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-ħabsin; iqis li biex tissolva l-problema tal-użu żejjed ta’ detenzjoni qabel il-proċess hemm bżonn ta’ soluzzjonijiet innovattivi, inkluż permezz tal-modernizzazzjoni tal-kodiċi tal-proċeduri kriminali u tat-tisħiħ tal-ġudikatura;

14. Ifakkar li r-Regoli Ewropej dwar il-Ħabsijiet, adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, jissottolinjaw li l-ħabsin jenħtieġ li jkunu kapaċi jieħdu sehem fl-elezzjonijiet u r-referenda u f’aspetti oħra tal-ħajja pubblika, sa fejn id-dritt tagħhom li jagħmlu dan ma jkunx ristrett mil-liġi nazzjonali; ifakkar li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet elettorali tippermetti lill-ħabsin jerġgħu jsiru membri attivi tas-soċjetà, li jgħin fit-triq tar-reintegrazzjoni tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri jiffaċilitaw l-aċċess prattiku għad-drittijiet elettorali għall-ħabsin, bħall-istabbiliment ta’ kmamar tal-votazzjoni fil-ħabsijiet fil-ġranet tal-elezzjoni;

15. Jinsisti li jenħtieġ li tiġi implimentata ġestjoni effiċjenti fit-tul tas-sistemi penitenzjarji, biex jonqos in-numru ta’ ħabsin permezz ta’ użu aktar frekwenti ta’ miżuri punittivi mhux ta’ kustodja – bħall-ordnijiet għas-servizz fil-komunità jew sorveljanza elettronika – u jiġi mminimizzat ir-rikors għal detenzjoni qabel proċess;

**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

16. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li, flimkien mal-aspetti punittivi tal-priġunerija, tingħata wkoll attenzjoni lill-iżvilupp ta' ħiliet prattiċi u r-riabilitazzjoni tal-ħabsin sabiex ikun hemm ġestjoni aħjar tal-pieni, reintegrazzjoni soċjali ta' suċċess u inqas reċidiviżmu; Jinnota li l-priġunerija, meta mqabbla ma' miżuri alternattivi, twassal għal aktar reċidivi fil-każ tal-pieni qosra;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu miżuri ta' aġġustament tal-pieni, speċjalment għall-pieni l-aktar qosra, inkluż l-użu ta' rilaxxi għal jum, il-permess li l-pieni jsiru matul il-vaganzi sabiex jiġi evitat li l-ħabsi jitlef l-impjieg tiegħu, servizz fil-komunità, u użu akbar ta' detenzjoni d-dar u sorveljanza elettronika; isostni wkoll li huwa xieraq li tissaħħaħ l-individwalizzazzjoni tal-piena għal eżekuzzjoni aħjar;

18. Iqis li, sabiex il-miżuri ġodda mhux ta' kustodja jkunu effettivi, l-introduzzjoni ta' dawn tal-aħħar jenħtieġ li tkun akkumpanjata b'miżuri oħra bħal riformi penali, edukattivi u soċjali li jfittxu li jippromwovu r-reintegrazzjoni u kuntatt mas-soċjetà u l-ekonomija esterni; f'dan ir-rigward, jemmen li l-amministrazzjonijiet penitenzjarji jenħtieġ li jistabbilixxu rabtiet qawwija mal-komunitajiet lokali, jipproduċu dokumenti ta' spjegazzjoni u evidenza statistika mmirata biex tipperswadi lill-opinjoni pubblika li miżuri mhux ta' kustodja huma meħtieġa biex inaqqsu r-reċidiviżmu kif ukoll biex jiżguraw is-sigurtà fit-tul fis-soċjetà tagħna; f'dan ir-rigward jiġbed l-attenzjoni għall-aħjar prattiki li jeżistu fil-pajjiżi Skandinavi;

19. Jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju komparattiv biex tanalizza l-miżuri alternattivi tal-Istati Membri u tappoġġja t-tixrid tal-aħjar prattiki nazzjonali;

20. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex jintroduċu miżuri aktar b'saħħithom għall-monitoraġġ tal-ħabsin wara li joħorġu mill-ħabs, meta dawn ikunu kkundannati għal raġunijiet serji; jissuġġerixxi li jiġu stabbiliti miżuri ta' monitoraġġ wara r-rilaxx, b'sejħa ta' udjenza mmexxija minn imħallef u assistit minn aġenti ta' probazzjoni u ta' reintegrazzjoni, sabiex jevalwaw ir-reintegrazzjoni fis-soċjetà u r-riskju ta' reċidiviżmu;

21. Jenfasizza li d-Deċiżjoni Qafas dwar probazzjoni u sanzjonijiet alternattivi tipprevedi mekkaniżmi ta' rikonoxximent reċiproku applikabbli għal miżuri użati mill-Istati Membri, bħal restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, ordnijiet ta' servizz fil-komunità, restrizzjonijiet ta' komunikazzjoni u ta' miżuri ta' tneħħija u li d-Deċiżjoni Qafas dwar ordnijiet ta' sorveljanza Ewropea tipprevedi l-istess għad-detenzjoni proviżorja;

22. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rigward il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet għad-detenuti vulnerabbli; jiddeplora l-fatt li, xi kultant, il-persuni li jbatu minn mard mentali jintefgħu u jibqgħu l-ħabs sempliċiment minħabba nuqqas ta' servizzi adegwati fuq barra, u jfakkar li skont il-QEDB, it-trattament mhux adegwat ta' persuni b'diżordni mentali jista' jammonta għal ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB u tal-Artikolu 2 tagħha (id-dritt għall-ħajja) fil-każ ta' ħabsin suwiċidali;

23. Jiddeplora l-fatt li s-sitwazzjoni vulnerabbli tal-ħabsin anzjani u dawk b'diżabbiltà mhijiex ikkunsidrata bis-sħiħ f'xi Stati Membri; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ħabsin anzjani li jibdew isofru minn diżabbiltà jiġu rilaxxati u li d-detenuti b'diżabbiltà jiġu pprovduti bl-infrastruttura meħtieġa;

24. Jistieden lill-Istati Membri jaġixxu kontra kull forma ta' diskriminazzjoni fit-trattament tal-ħabsin abbażi tal-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru, u biex jiggarantixxu d-drittijiet tal-ħabsin għas-sesswalità tagħhom;

25. Jenfasizza li d-detenuti nisa għandhom ħtiġijiet speċifiċi u jrid ikollhom aċċess għal servizzi mediċi u eżaminazzjonijiet mediċi adegwati u għal miżuri sanitarji xierqa; jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet eżistenti rigward it-trattament tad-detenuti nisa filwaqt li jevitaw kwalunkwe forma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru;

26. Iqis li huwa essenzjali li tingħata attenzjoni speċjali għall-ħtiġijiet tan-nisa fil-ħabsijiet waqt it-tqala u wkoll wara li jkunu welldu, billi jingħataw spazji adegwati li fihom ikunu jistgħu jreddgħu u għal kura minn infermiera kwalifikati u speċjalizzati; iqis li huwa xieraq li ssir riflessjoni fuq mudelli alternattivi li jqisu l-benessri tat-tfal fil-ħabsijiet; isostni li s-separazzjoni awtomatika tal-omm minn uliedha toħloq disturbi emozzjonali maġġuri fit-tfal, u tista' tikkostitwixxi piena addizzjonali li taffettwa kemm l-omm kif ukoll lit-tfal;

27. Jesprimi t-tħassib tiegħu għal-livell għoli ta' suwiċidji fil-ħabsijiet; jistieden lil kull Stat Membru biex ifassal pjan ta' azzjoni fuq livell nazzjonali għall-prevenzjoni tas-suwiċidju ta' persuni f'detenzjoni;

28. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ħabsin għandhom kuntatti regolari mal-familji u l-ħbieb tagħhom billi jippermettulhom li jiskontaw il-pieni tagħhom fi stabbilimenti viċin djarhom, u billi jiġu promossi żjarat, telefonati u l-użu ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, suġġetti għal awtorizzazzjoni mill-imħallef u monitoraġġ mill-amministrazzjoni tal-ħabs, għall-finijiet ta' preżervazzjoni tar-rabtiet tal-familja; ifakkar li l-kunċett ta' familja għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' biex jinkludi relazzjonijiet mhux formalizzati; iqis bħala importanti li jingħataw kundizzjonijiet xierqa sabiex jinżammu dawn ir-rabtiet;

29. Jikkundanna l-politika ta' tbegħid penitenzjarju applikata minn xi Stati Membri, billi din tirrappreżenta pieni miżjuda li jaffettwaw lill-familji tal-ħabsin; iħeġġeġ li jiġu stabbiliti miżuri biex jippermettu lill-ħabsin kollha li jinsabu 'l bogħod minn djarhom biex jersqu eqreb, sakemm l-awtorità ġudizzjarja ma tiddeċidix mod ieħor għal raġunijiet ġustifikati legalment; ifakkar li skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, iż-żamma ta' persuna f'ħabs li huwa tant 'il bogħod mill-familja tiegħu jew tagħha li jagħmel iż-żjarat mill-familjari diffiċli ħafna jew anke impossibbli jista' jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 8 tal-KEDB (id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja);

30. Jerġa' jafferma l-importanza li jiġi żgurat li t-tfal jiġu trattati b'mod li jqis l-aħjar interessi tagħhom, inkluż li fl-ebda ħin ma jinżammu separati mill-adulti, anki matul it-trasferimenti bejn il-ħabsijiet, u li jkollhom id-dritt li jżommu kuntatt mal-familji tagħhom sakemm il-qorti ma tiddeċidix mod ieħor;; jiddispjaċih li f'xi Stati Membri d-delinkwenti minorenni jinżammu f'faċilitajiet flimkien ma' adulti, u b'hekk jiġu esposti għar-riskju tal-abbuż u l-vjolenza u jiċċaħħdu mill-kura speċifika li grupp vulnerabbli jeħtieġ; ifakkar li d-Direttiva (UE) 2016/800 dwar il-garanziji proċedurali għat-tfal tiddikjara preferenza għall-użu ta' miżuri alternattivi; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu ċ-ċentri ta' attendenza għall-adoloxxenti;

31. Ifakkar li t-tfal fid-detenzjoni għandhom jirċievu kura, protezzjoni u l-għajnuna individwali kollha meħtieġa – soċjali, edukattiva, vokazzjonali, psikoloġika, medika u fiżika – li jistgħu jeħtieġu fid-dawl tal-età, is-sess u l-personalità tagħhom; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jippromwovu ċentri edukattivi siguri b'faċilitajiet għall-kura psikjatrika tat-tfal għall-aktar tfal diffiċli, minflok ma jirrikorru għall-ħabs; jistieden lill-Istati Membri jestendu kura partikolari u protezzjoni speċjali lit-tfal f'detenzjoni;

32. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu faċilitajiet tal-edukazzjoni xierqa għall-minorenni fil-ħabsijiet; jinnota li t-tfal fid-detenzjoni jrid ikollhom aċċess għal programmi li jħejjuhom bil-quddiem għar-ritorn tagħhom fil-komunitajiet tagħhom, billi tingħata attenzjoni sħiħa lilhom fir-rigward tal-ħtiġijiet emozzjonali u fiżiċi tagħhom, tar-relazzjonijiet familjari tagħhom, tal-akkomodazzjoni, tat-tagħlim u tal-possibbiltajiet ta' impjieg u tal-istatus soċjoekonomiku tagħhom;

33. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni tistabbilixxi gruppi ta' ħidma speċifiċi magħmula minn rappreżentanti tal-ministeri tal-ġustizzja tal-Istati Membri u tal-awtoritajiet nazzjonali kif ukoll tal-NGOs li jaħdmu fil-qasam sabiex jiffaċilitaw l-iskambju tal-aħjar prattiki;

34. Jinnota li t-tfal fid-detenzjoni jenħtieġ li jżommu kuntatt regolari u sinifikanti mal-ġenituri, mal-familja u mal-ħbieb permezz ta' żjarat u korrispondenza, ħlief meta jkunu meħtieġa restrizzjonijiet fl-interessi tal-ġustizzja u fl-interessi tat-tfal; ifakkar li r-restrizzjonijiet fuq dan id-dritt jenħtieġ li ma jintużaw qatt bħala piena;

35. Jitlob lill-Kummissjoni tippromwovi politiki mmirati biex tingħeleb id-diskriminazzjoni li jistgħu jbatu minnha l-ulied ta' ġenituri l-ħabs, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni soċjali u tinbena soċjetà ġusta u inklużiva;

36. Jirrikonoxxi d-dritt tat-tfal li jżommu kuntatt dirett mal-ġenitur detenut tagħhom u, fl-istess ħin, itenni d-dritt tal-ħabsi għat-trobbija tal-ulied bħala ġenitur; iqis f'dan ir-rigward li l-ħabsijiet għandhom ikunu mgħammra bi spazju xieraq għat-tfal, fejn it-tfal ikunu jistgħu jiġu indokrati minn uffiċjali tal-ħabs imħarrġa b'mod adegwat, inklużi assistenti soċjali u voluntiera minn NGOs li jkunu jistgħu jgħinu lit-tfal u lill-familji tagħhom waqt iż-żjarat fil-ħabs;

**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

37. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-possibbiltà li jitfassal memorandum ta' qbil fil-livell tal-UE sabiex tiġi żgurata l-preservazzjoni tar-relazzjoni ta' paternità mal-ġenituri l-ħabs u tippermetti lill-ġenituri jkunu preżenti waqt mumenti importanti fl-edukazzjoni ta' wliedhom, u b'hekk jiġu ssalvagwardjati l-interessi tal-minorenni;

38. Jissottolinja li l-ħabsin li jinżammu fi Stat Membru ieħor li mhux l-Istat Membru ta' residenza tagħhom ikollhom aktar diffikultajiet biex iżommu kuntatt mal-familji tagħhom;

39. Jistieden lill-Istati Membri jsegwu r-rakkomandazzjonijiet fis-seħħ dwar it-trattament tal-ħabsin barranin, ibbażati fuq id-dritt tagħhom li ma jiġux iddiskriminati, u b'mod partikolari billi jiffavorixxu l-intervent ta' medjaturi kulturali;

40. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw reklużjoni biss bħala l-aħħar alternattiva u fejn ħabsi jirrappreżenta periklu lil ħabsin oħrajn jew lilu nnifsu jew lilha nnifisha, u biex toħloq il-mekkaniżmi possibbli kollha biex jiġi evitat l-abbuż; jistieden lill-Istati Membri biex jieqfu jużaw ir-reklużjoni għall-minorenni;

41. Jistieden lill-Istati Membri jiġġieldu l-fenomenu tat-traffikar ta' sustanzi u drogi illeċiti fil-ħabsijiet b'mod aktar effettiv;

42. Ifakkar fil-prinċipju tad-dritt universali għas-saħħa, u jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-aċċess għal servizzi tal-kura tas-saħħa adegwati u faċilitajiet mediċi adegwati fil-ħabs u biex jiżguraw li l-ħabsin ikollhom aċċess għal kura tas-saħħa meta meħtieġ billi jkun hemm prattikanti mediċi kwalifikati maħtura f'numri suffiċjenti għal kull ħabs; jesprimi tħassib dwar id-diffikultajiet esperjenzati minn ħabsin f'għadd ta' Stati Membri biex jiksbu aċċess għal tabib jew appoġġ psikoloġiku;

43. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ħabsin li jbatu minn patoloġiji serji jew kroniċi inkluż il-kanser jirċievu t-trattamenti speċifiċi li jkunu meħtieġa;

44. Jistieden lil dawk l-Istati Membri li ma joperawx diġà tali prattiki biex jitqies l-aġġustament tas-sentenzi ta' ħabsin morda serjament għal raġunijiet umanitarji, soġġetta għall-awtorizzazzjoni ġudizzjarja, u b'kont meħud tal-grad ta' periklu tad-detenuti u l-opinjoni ta' kumitat ta' esperti;

45. Jitlob lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-fenomenu dejjem jikber tar-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet filwaqt li jħarsu l-libertà tar-reliġjon u jevitaw diskriminazzjonijiet relatati mal-ipprattikar ta' twemmin partikolari; jissottolinja li kwalunkwe programm speċifiku ddedikat lil ċertu grupp ta' ħabsin, bħal dawk meqjusa bħala "radikalizzati", irid jirrispetta l-istess kriterji tad-drittijiet tal-bniedem u tal-obbligi internazzjonali li japplikaw għal kwalunkwe ħabsi ieħor; jirrakkomanda li l-amministrazzjonijiet tal-ħabsijiet tinforma lill-awtoritajiet kompetenti rigward ir-radikalizzazzjoni ta' individwi;

46. Jenfasizza li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni inumani, it-trattament ħażin u l-affollament eċċessiv tal-ħabsijiet jistgħu jikkostitwixxu fatturi li jżidu r-riskju ta' radikalizzazzjoni;

47. Iqis li r-radikalizzazzjoni tista' tiġi indirizzata b'mod effikaċi permezz, inter alia, tat-titjib tad-detezzjoni ta' sinjali bikrija tal-fenomenu (pereżempju permezz ta' taħriġ tal-persunal tal-ħabs u t-titjib tal-intelligence fil-ħabsijiet), it-titjib ta' mekkaniżmi li jittrattaw imġiba estremista, l-iżvilupp ta' miżuri edukattivi, u l-appoġġ ta' djalogu u komunikazzjoni bejn ir-reliġjonijiet; iqis li mentoraġġ aħjar, aktar kura psikoloġika u skambji ma' individwi deradikalizzati huma essenzjali fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni; jinnota li ż-żgħażagħ huma partikolarment vulnerabbli għall-propaganda tal-organizzazzjonijiet terroristiċi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu programmi ta' deradikalizzazzjoni;

48. Huwa tal-fehma li l-attivitajiet ta' monitoraġġ tal-Istati Membri għandhom jinkludu s-sinjalizzazzjoni tal-ħabsin radikalizzati l-aktar perikolużi lill-awtoritajiet ġudizzjarji u/jew lill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġlieda kontra t-terroriżmu;

49. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar prattiki bil-għan li tiġi evitata u miġġielda r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet u fiċ-ċentri ta' detenzjoni għall-minorenni; Ifakkar li skont l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, l-UE għamlet il-finanzjament disponibbli biex jappoġġja t-taħriġ tal-persunal tal-ħabs bil-għan li tiġi miġġielda r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu użu sħiħ miċ-Ċentru ta' Eċċellenza tan-Netwerk ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN), u b'mod speċifiku biex jikkondividu aktar l-għarfien espert permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Ħabsijiet u l-Probazzjoni fih;

50. Jinnota li r-regoli ta' detenzjoni differenzjata tad-detenuti li tqiesu li ġew radikalizzati jew reklutati minn organizzazzjonijiet terroristiċi jirrappreżentaw miżura possibbli li tillimita r-radikalizzazzjoni fil-ħabsijiet; iwissi, madankollu, li tali miżuri għandhom jiġu imposti biss fuq bażi ta' każ b'każ u għandhom ikunu bbażati fuq deċiżjoni ġudizzjarja u suġġetti għal rieżami mill-awtoritajiet ġudizzjarji kompetenti;

51. Jenfasizza li l-persunal tal-ħabs iwettaq xogħol ferm eżiġenti f'isem il-komunità, u għalhekk għandu jkollu rimunerazzjoni adegwata u jgawdi minn kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti, li jinkludu konsulenza psikoloġika bla ħlas u linji telefoniċi għall-għajnuna speċjalizzati li jkunu mfassla biex jipprovdu appoġġ lill-persunal li jiffaċċja problemi li aktarx jaffettwaw ix-xogħol tagħhom;

52. Ifakkar li r-rikonoxximent soċjali u t-taħriġ sistematiku tal-persunal tal-ħabs huma essenzjali biex jiżguraw kundizzjonijiet ta' detenzjoni siguri u xierqa fil-ħabsijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri jikkondividu l-informazzjoni, jiskambjaw u japplikaw l-aħjar prattiki u jadottaw kodiċi ta' kondotta u etika għall-persunal tal-ħabs tagħhom; jitlob għal dan l-għan li tiġi organizzata Assemblea Ġenerali tal-Amministrazzjonijiet Penitenzjarji, li jenħtieġ li tinkludi rappreżentanti tal-persunal tal-ħabs;

53. Ifakkar fir-rwol fundamentali tad-djalogu soċjali mal-persunal tal-ħabs kif ukoll il-bżonn għall-involviment tagħhom permezz ta' informazzjoni u konsultazzjoni, b'mod speċjali meta jiġu żviluppati kunċetti ta' detenzjoni ġodda ddisinjati biex itejbu s-sistemi u l-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet, inkluż dawk immirati biex irażżnu t-theddid mir-radikalizzazzjoni;

54. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw djalogu regolari bejn il-ħabsin u l-persunal tal-ħabs, għaliex ir-relazzjonijiet professjonali tajba bejn il-persunal u l-ħabsin huma element essenzjali ta' sigurtà dinamika biex jitnaqqas il-potenzjal ta' inċidenti jew biex tiġi rrestawrata l-ordni tajba permezz ta' proċess ta' djalogu;

55. Jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu lill-gvernaturi tal-ħabsijiet jimpenjaw ruħhom għall-iżvilupp ta' kunsilli tal-ħabs fl-istabbilimenti kollha;

56. Jistieden lill-Kummissjoni tniedi Forum Ewropew dwar il-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet sabiex tinkoraġġixxi l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn esperti u prattikanti minn madwar l-Istati Membri kollha;

57. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet tal-UE jieħdu l-miżuri meħtieġa fl-oqsma tagħhom ta' kompetenza biex jiggarantixxu r-rispett u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali tal-ħabsin, u b'mod partikolari ta' persuni vulnerabbli, tfal, persuni b'mard mentali, persuni b'diżabbiltà u nisa, inkluża l-adozzjoni ta' standards u regoli Ewropej komuni ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha;

58. Jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tiġbor informazzjoni u statistika dwar il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istati Membri kollha u dwar kwalunkwe każ ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tad-detenuti, abbażi tar-rispett għall-prinċipju tas-sussidjarjetà; jistieden lill-Istati Membri jippermettu lill-MEPs id-dritt ta' aċċess għall-ħabsijiet u għaċ-ċentri ta' detenzjoni mingħajr tfixkil;

59. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw Karta Ewropea tal-Ħabsijiet, skont ir-Rakkomandazzjoni 1656/2004 tas-27 ta' April 2004 tal-Kunsill tal-Ewropa;

60. Jistieden lill-Istati Membri biex jippromwovu politiki rigward ir-reintegrazzjoni tal-ħabsin fil-ħajja ċivili, b'mod partikolari politiki li għandhom l-għan li jneħħu ostakoli strutturali li jipprevjenu r-reintegrazzjoni tal-eks-ħabsin fis-soċjetà, u biex jistabbilixxu politiki dwar il-monitoraġġ u l-aġġustament tal-pieni; jinnota li r-reċidiviżmu huwa inqas frekwenti meta l-ħabsin jgħaddu b'mod gradwali mill-ħajja wara l-ħitan għall-ħajja barra l-ħitan tal-ħabs;

61. Iqis li, idea restorattiva u protettiva tas-sistemi tal-ġustizzja kriminali, awtomatikament tinvolvi aktar rispett lejn id-dinjità tal-bniedem tal-individwu, minħabba li l-għan tagħha huwa l-protezzjoni tas-soċjetà u r-riabilitazzjoni tal-persuna billi ssir aktar faċli li jinkisbu l-objettivi tal-kastig b'għan ta' edukazzjoni mill-ġdid, li l-ħabsin jerġgħu jintegraw soċjalment u li jitnaqqas ir-reċidiviżmu; jiddispjaċih li l-iżvilupp tal-medjazzjoni u tal-prattiki restorattivi fuq l-użu ta' proċedimenti dixxiplinari huwa kważi totalment nieqes fil-maġġoranza tal-Istati Membri; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jagħtu preferenza lill-politiki u l-leġiżlazzjonijiet li jiffukaw fuq ġustizzja restorattiva u bbażata fuq il-medjazzjoni, li tagħmel użu minn strumenti soċjali, ekonomiċi u kulturali aktar milli miżuri purament punittivi;

**Il-Ħamis 5 ta' Ottubru 2017**

62. Jenfasizza l-importanza li jingħata aċċess għal kwalifiki edukattivi u professjonali għall-ħabsin; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri joffru attivitajiet sinifikanti bħal taħriġ edukattiv jew opportunitajiet ta' xogħol skont l-istandards internazzjonali għall-ħabsin kollha, bl-għan li jissoċjalizzaw mill-ġdid lid-detenuti u jipprovduhom b'għodod għal ħajja ħielsa mill-kriminalità wara ż-żmien li jkunu qattgħu fil-ħabs; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-detenuti jaħdmu, jistudjaw għal kwalifika jew jattendu kors ta' taħriġ matul id-detenzjoni, sabiex jimmaniġġjaw aħjar il-ħin tagħhom u jippreparaw rwieħhom għall-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-soċjetà; iqis li huwa indispensabbli li l-minorenni jkollhom aċċess għall-edukazzjoni u għat-taħriġ vokazzjonali;

63. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw għodod sabiex jappoġġjaw ir-ritorn tall-ħabsin fil-ħajja professjonali sabiex jidentifikaw il-possibbiltajiet ta' impjieg fir-rigward tal-bżonnijiet tat-territorju, biex jorganizzaw u jissorveljaw it-taħriġ u l-impjieg b'mod kemm jista' jkun personalizzat u biex jiddjalogaw b'mod kostanti mar-rappreżentanti tal-impjegaturi; iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' taħriġ immirata biex tinkoraġġixxi lill-impjegaturi u lil kumpaniji privati jipprovdu taħriġ professjonali lid-detenuti bil-għan li jiġu reklutati fl-aħħar tal-perjodu tad-detenzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex joħolqu inċentivi għal min iħaddem li jixtiequ jimpjegaw ħabsin jew jinkoraġġixxu ex ħabsin biex iwaqqfu n-negozju tagħhom, inklużi inċentivi finanzjarji u fiskali; iħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri biex jistabbilixxu punti ta' kuntatt biex jinħelsu d-detenuti li joffru informazzjoni u appoġġ għal attivitajiet ta' tiftix ta' impjieg kif ukoll tagħlim mandatorju u strettament sorveljat mill-bogħod;

64. Ifakkar li l-Fond Soċjali Ewropew huwa strument finanzjarju tal-Unjoni bil-għan li jtejjeb il-prospetti tal-impjiegi għal miljuni ta' Ewropej, b'mod partikolari għal dawk li jsibuha diffiċli biex isibu x-xogħol, inklużi l-ħabsin u l-eks-delinkwenti; jilqa' l-istabbiliment ta' proġetti li jgħinu lill-ħabsin jerġgħu jintegraw mill-ġdid fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol ladarba jkunu skontaw is-sentenza tagħhom;

65. Jenfasizza li l-ebda xogħol imwettaq minn ħabsi m'għandu jitqies bħala forma ta' piena u li jrid jiġi miġġieled l-abbuż potenzjali; jenfasizza li opportunitajiet ta' xogħol offruti lill-ħabsin jenħtieġ li jkunu rilevanti għall-istandards u t-tekniki tax-xogħol kontemporanji u jenħtieġ li jkunu organizzati biex jiffunzjonaw f'sistemi ta' ġestjoni u proċessi tal-produzzjoni moderni; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li x-xogħol fil-ħabs jiġi renumerat aħjar milli huwa attwalment; jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju komparattiv dwar il-pagi tal-ħabsin fl-Istati Membri, bl-għan li jiġu identifikati livelli ta' rikompens ġusti u sostenibbli li jippermettu li kull ħabsi jkun jista' jaħdem;

66. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar prattika dwar l-edukazzjoni, ir-riabilitazzjoni u l-programmi ta' reintegrazzjoni, b'mod partikolari sabiex tittejjeb ir-reintegrazzjoni wara li joħorġu mill-ħabs u jgħinu biex jiġu evitati r-reċidiviżmu u aktar każijiet ta' radikalizzazzjoni;

67. Jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE jappoġġjaw b'mod tekniku u ekonomiku, sa fejn possibbli, it-titjib fis-sistemi u fil-kundizzjonijiet tal-ħabsijiet, b'mod speċjali fl-Istati Membri li jiffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji serji;

68. Jistieden lill-Kummissjoni tippubblika rapporti dettaljati dwar is-sitwazzjoni tal-ħabsijiet fl-Ewropa b'intervalli ta' ħames snin, wara l-approvazzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni preżenti, inkluż analiżi fil-fond dwar il-kwalità tal-edukazzjoni u tat-taħriġ mogħtija lid-detenuti u valutazzjoni tar-riżultati (inklużi r-rati ta' reċidiviżmu) ta' miżuri alternattivi għad-detenzjoni;

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, lill-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa u lill-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura.